II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Lulju 2009

dwar in-non inklużjoni tal-metam fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/562/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jipprevedi li Stat Membru, matul perijodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' dik id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I għal dik id-Direttiva u li jkunu diġà fis-suq sentejn wara n-notifika, filwaqt li dawk is-sustanzi jkunu qed jiġu eżaminati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 1490/2002 [3] jistabbilixxu r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi l-metam.

(3) Għall-metam, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ġew ivvalutati skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 1490/2002 għal firxa ta' użijietjiet proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawk ir-Regolamenti jaħtru lill-Istati Membri relaturi li għandhom iressqu r-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà Alimentari (EFSA) skont l-Artikolu 10 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002. Għall-metam, l-Istat Membru relatur kien il-Belġju u t-tagħrif kollu rilevanti tressaq fl-10 ta' Settembru 2007.

(4) Ir-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni inter pares mill-Istati Membri u l-EFSA fil-Grupp ta' Ħidma tagħha għall-Evalwazzjoni u kien ippreżentat lill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2008 fil-format tal-konklużjoni tal-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni inter pares tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva metam. Dan ir-rapport ġie eżaminat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ffinalizzat fis-26 ta' Frar 2009 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-metam.

(5) Matul l-evalwazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġew identifikati xi elementi ta' tħassib li ma ppermettewx li l-evalwaturi juru l-aċċettabbiltà ta' espożizzjoni tal-konsumatur. Dawk l-elementi ta' tħassib kienu, b'mod partikolari, l-istudji inadegwati tar-residwi u n-nuqqas ta' informazzjoni dwar impurità tossikoloġikament rilevanti, N,N′-dimethylthiourea (DMTU). Barra minn hekk, minħabba r-rata għolja ta' applikazzjoni, ammont kbir ta' impurità DMTU tispiċċa fl-ambjent u n-nuqqas ta' data fir-rigward tal-imġiba tagħha fl-ambjent jirriżulta fi tħassib. Konsegwentement, ma kienx possibbli li tintlaħaq konklużjoni, abbażi tal-informazzjoni disponibbli

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
[3] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.

fl-iskadenzi ta' żmien stabbilit, li l-metam laħaq il-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni inter pares u dwar jekk kienx biħsiebu jew le jkompli jappoġġa s-sustanza. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li kienu eżaminati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa min-notifikant, it-tħassib identifikat ma setgħax jitneħħa, u l-valutazzjonijiet magħmula abbażi tal-informazzjoni mogħtija u evalwata matul il-laqgħat tal-esperti tal-EFSA ma wrewx li jista' jkun mistenni li, taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metam jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(7) Għalhekk il-metam m'għandux jiġi inkluż fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.

(8) Għandhom jittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-metam jiġu rtirati fi żmien perijodu preskritt u ma jiġġeddux u li ma jingħatawx awtorizzazzjonijiet ġodda għal tali prodotti.

(9) Fid-dawl tal-informazzjoni quddiem il-Kunsill jidher li, fin-nuqqas ta' alternattivi effiċjenti għal ċerti użijietjiet limitati f'ċerti Stati Membri, hemm ħtieġa għal aktar użu tas-sustanza attiva biex ikun jista' jsir l-iżvilupp ta' alternattivi. Huwa, għalhekk, iġġustifikat, fiċ-ċirkostanzi preżenti, li jiġi preskritt, taħt kondizzjonijiet stretti mmirati biex jiġi mminimizzat ir-riskju, perijodu itwal għall-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-użijietjiet limitati kkunsidrati essenzjali li għalihom ma tidher ebda alternattiva attwalment disponibbli għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara.

(10) Kwalunkwe perijodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metam għandu jkun limitat għal perijodu ta' 12-il xahar biex jippermetti li l-ħażniet eżistenti jkunu wżati fi staġun ieħor tat-tkabbir, li jiżgura li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metam jistgħu jibqgħu disponibbli għall-bdiewa sa 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċizjoni.

(11) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-metam skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE, li r-regoli ta' implimentazzjoni dettaljati tagħha l ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I [1] tagħha, bil-ħsieb tal-inklużjoni possibbli tal-metam fl-Anness I tagħha.

(12) Fin-nuqqas ta' opinjoni favorevoli tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, il-Kummissjoni ma setgħetx tadotta d-dispożizzjonijiet li hi pprevediet taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-metam m'għandux jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(1) awtorizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metam ikunu rtirati sat-13 ta' Jannar 2010;

(2) ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metam m'hi ser tingħata jew tiġġeded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, Stat Membru elenkat fil-kolonna A tal-Anness I jista' jżomm l-awtorizzazzjonijiet għal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metam għall-użijiet elenkati fil-kolonna B ta' dak l-Anness sal-31 ta' Diċembru 2014, dment li jkun konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa jiżgura li ma jiġu kkawżati ebda effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u ma tiġi kkawżata ebda influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;

(b) huwa jiżgura li tali prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jibqgħu fis-suq ikunu ttikkettjati mill-ġdid biex ikunu pari mal-kondizzjonijiet ta' użu ristrett;

(c) huwa jimponi l-miżuri adatti kollha ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jitnaqqas kwalunwe risku possibbli sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent;

(d) huwa jiżgura li prodotti jew metodi alternattivi għal tali użijiet qed jitwettqu bis-serjetà, b'mod partikolari, permezz ta' pjani ta' azzjoni.

[1] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

2. L-Istat Membru li jagħmel użu mid-deroga prevista fil-paragrafu 1 għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda taħt il-paragrafu 1, u, b'mod partikolari, taħt il-punti (a) sa (d) sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u fuq bażi annwali jagħtu stimi tal-ammonti tal-metam utilizzat għal użijiet essenzjali skont dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Kwalunke perijodu ta' moratorju mogħti minn Stati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun:

Għall-awtorizzazzjonijiet li jiġu rtirati skont l-Artikolu 2, dak il-perijodu għandu jiskadi fit-13 ta' Jannar 2011,

Għall-awtorizzazzjonijiet li jiġu rtirati skont l-Artikolu 3, dan għandu jiskadi l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ERLANDSSON

ANNESS

Lista tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2)

Kolonna A	Kolonna B
Stat Membru	Użu Diżinfettazzjoni tal-ħamrija u kontroll tal-ħaxix ħażin qabel it-taħwil/żrigħ, limitata għal utenti professjonali b'tagħmir protettiv adatt taħt kondizzjonijiet awtorizzati speċifiċi kif stabbilit fl-Artikolu 3 u soġġett għar-restrizzjonijiet li ġejjin għal kull Stat Membru:
Belġju	Ħamrija tax-Xtieli (l-għelejjel kollha). Patata (patata taż-żerriegħa, tal-ikkunsmar u tal-lamtu), pitravi taz-zokkor u tal-għalf, basal, ħxejjex, għelejjel tal-frott, ħxejjex aromatiċi, ġonna tas-siġar tal-frott (taħwil mill-ġdid), pjanti ornamentali.
Bulgarija	Użu tas-serer tal-ħġieġ (tadam, ħjar, ħass, karrotti, bżar, brunġiel u tabakk).
Ċipru	Mixtliet, ħxejjex, patata, pjanti ornamentali, frott minn siġar li jwaqqgħu l-weraq, ċitru, u għeneb.
Franza	Għelejjel tal-ħxejjex u l-frott u prinċipalment valerjanella, karrotti, tadam, frawli, asparagu, pjanti ornamentali, siġar u arbuxxelli.
Greċja	Ħamrija tax-xtieli u demel għall-ħamrija (għall-għelejjel kollha), użu ta' ġewwa u ta' barra għat-trattament tal-ħamrija (għall-għelejjel tal-ħxejjex u l-pjanti ornamentali), mixtliet tat-tabakk
Ungerija	Użu f'għelieqi: patata, karrotti, krafes bl-għeruq, krafes Ġermaniżi, pjanti ornamentali, berries, tuffieħ, lanġas, tabakk, għeneb tal-inbid, frott tal-għadma, mixtliet tal-frott u tad-dwieli. Użu tas-serer tal-ħġieġ: bżar aħdar, tadam, ħjar, karrotti, krafes bl-għeruq, krafes Ġermaniżi, tabakk, berries, pjanti ornamentali.
Italja	Ross, Ħass u affarijiet simili, Tadam, Bżar u Brunġiel, Għeruq tal-qara', Karrotti, Ħxejjex tal-basal, Ħxejjex tal-għerq, Patata, Tabakk, Żrigħ mill-ġdid tal-vinji u l-ġonna tas-siġar tal-frott, Fjuri.
Irlanda	Użi tas-serer tal-ħġieġ: Tadam, Qronfol, Ħjar, Pjanti ornamentali, Chrysanthemum u Ħass. Użi f'għelieqi: Patata, Basal tal-ħxejjex, Stokk ta' xitel li jiflaħ għall-ksieħ u l-irjieħ fil-mixtla, Frott tal-kannamiela, Turf, Frawli u Żrigħ tal-Foresti.
Malta	Tadam, brunġiel, bżar, bettieħ, dulliegħ, qara' xitwi, ħjar u frawli
Olanda	Patata (patata taż-żerriegħa, tal-ikkunsmar u tal-lamtu), pitravi taz-zokkor u tal-għalf, ġonna tas-siġar tal-frott (taħwil mill-ġdid), pjanti ornamentali (inkluż it-tkabbir ta' basal tal-ħxejjex), soqħda tal-ġewż isfar fl-għelejjel kollha.
Polonja	Użi f'għelieqi: frawli, kaboċċi, karrotti, ħass, basal, tewm. Użu tas-serer tal-ħġieġ: tadam, ħjar, bżar, brunġiel.
Portugall	Patata, basal, karrotti, bettieħ, frawli, ħjar, bżar, tadam, ħxejjex taċ-ċitru, pjanti ornamentali, fumigazzjoni tal-ħamrija tas-serer tal-ħġieġ, fumigazzjoni tal-ħamrija tal-mixtliet.

Kolonna A	Kolonna B
Stat Membru	Użu Diżinfettazzjoni tal-ħamrija u kontroll tal-ħaxix ħażin qabel it-taħwil/żrigħ, limitata għal utenti professjonali b'tagħmir protettiv adatt taħt kondizzjonijiet awtorizzati speċifiċi kif stabbilit fl-Artikolu 3 u soġġett għar-restrizzjonijiet li ġejjin għal kull Stat Membru:
Rumanija	Ħxejjex u pjanti ornamentali.
Spanja	Mixtliet, Ħmiemel, Ħxejjex, Tabakk, Fjuri, Frawli, Patata taż-żerriegħa, vinji.
Renju Unit	Ħamrija tas-serer tal-ħġieġ, ħamrija tal-mixtliet, ħamrija ta' barra u ħamrija tax-xtieli qabel it-taħwil tal-għelejjel tal-frott, għelejjel tal-ħxejjex, patata, ħxejjex aromatiċi, fjuri, basal tal-ħxejjex, pjanti ornamentali, pjanti.